MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 418/2007

**ID-DIRETTUR, QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

vs

John **BUSUTTIL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' April, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti ssib lill-imħarrek ħati ta' disprezz għall-awtorita' tagħha u tikkundannah għall-pwieni preskritti;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-17 ta' Ottubru, 2007, li biha l-imħarrek John Busuttil laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex hu

qatt ma ġab ruħu b'mod li wera disprezz lejn xi ordni tal-Qorti jew li qatt fixkel lil xi uffiċjal tagħha milli jwettaq xogħlu;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attur bil-mezz tal-affidavit;

Rat li l-imħarrek naqas li jressaq ix-xhieda tiegħu, minkejja li l-kawża tħalliet bosta drabi biex huwa jressaq dik ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2009 li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal disprezz. L-attur, wara ordni li ngħata mill-Qorti b'Degriet tas-6 ta' April, 2005, qiegħed jixli lill-imħarrek b'għamil li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Dan jikkonsisti filli huwa jallega li l-imħarrek fixkel lill-Uffiċjal Eżekutur fil-qadi ta' dmirijietu meta, waqt li kien qiegħed jeżegwixxi ordni taħt Mandat ta' Qbid Kawtelatorju, naqas li jgħaddilu dokumenti meħtieġa għall-qbid effettiv ta' opra tal-baħar li ssemmiet fl-istess Mandat;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li qatt ma għamel xejn biex ifixkel lill-marixxall milli jwettaq dmiru kif imiss jew li, b'xi mod, ried juri disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-11 ta' Marzu, 2005[1], din il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju kontra l-imħarrek fuq talba ta' Harbour Management Limited għas-somma ta' Lm 8,022.21 allegatament dovuti lilha bħala ħlas ta' rmiġġ u servizzi oħrajn mogħtijin minnha għal xi opri tal-

[1] Dok "B", f'paġġ. 5 sa 11 tal-proċess

baħar tal-istess debitur tagħha. L-ezekuzzjoni ntalbet fuq il-bastiment *MY Anna Maria Esmeralda*, li dak iż-żmien kienet tinsab fil-*Yacht Yard* ta' Manoel Island. Meta fit-12 ta' Marzu, 2005[2], l-uffiċjal eżekutur mar l-ewwel darba biex jeżegwixxi l-Mandat ma sabx lill-imħarrek, imma xi ħadd qallu fejn seta' jsibu. Jidher li l-marixxall mar ikellmu iżjed minn darba, imma l-imħarrek kien jevita li jgħaddilu d-dokumenti tal-bastiment. Il-marixxall wissieh ukoll dwar il-konsekwenzi tar-rifjut, u ħa miegħu marixxall ieħor meta għamel dan;

Illi fl-4 ta' April, 2005, il-marixxall irreġistra riferta negativa[3]. Fis-6 ta' April, 2005[4], ressaq rikors biex jitlob lill-Qorti tagħti l-provvedimenti li jidhrilha xierqa. Il-Qorti ipprovdiet b'degriet ta' dak inhar stess[5]. Fit-13 ta' April, 2005[6], il-marixxall iddikjara li l-imħarrek kien għaddielu żewġ dokumenti dwar il-bastiment u għalaq ir-riferta. Dak inhar, infetħet il-kawża;

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ. Dawn iduru mal-kwestjoni tal-imġiba tal-imħarrek fid-dawl tal-ordni mogħti minn qorti dwar Mandat minnha maħruġ;

Illi huwa stabilit fid-dritt li l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, u fost tali ordnijiet wieħed isib il-ħruġ tal-Mandati (kemm esekutivi u kif ukoll kawtelatorji);

Illi l-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat[7]. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond*

---

[2] Affidavit tal-Marixxall Joseph Azzopardi f'paġ. 33 tal-proċess
[3] Paġ. 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 12 – 3 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[6] Paġġ. 9 sa 11 tal-proċess
[7] Ara, per eżempju, C.J. Miller <u>Contempt of Court</u> (2[nd]. Edit, 1990), paġġ. 25 – 9

*reasonable doubt*"[8]. Jibqa' jħaddan din il-karatteristika, ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċediment ċivili[9];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' tagħha[10]. Dan l-element intenzjonali huwa wieħed meħtieġ u kostitutiv tal-aġir tad-disprezz, b'mod li mingħajru ma jsir l-ebda disprezz[11]. Iżda dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-imħarrek li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[12];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[13];

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[14]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u

[8] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)
[9] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)
[10] P.A. RCP **12.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Anna Mizzi***
[11] P.A. **27.1.1984** fil-kawża ***Il-Qorti vs Buckingham*** (Kollez. Vol: **LXVII.iii.7**)
[12] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija
[13] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)
[14] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[15];

Illi f'dan il-każ ħareġ ċar mix-xhieda li l-imħarrek naqas li jħares kif mistenni dak li l-Qorti kienet ordnatlu jagħmel bis-saħħa tal-Mandat maħruġ kontrih. Imġiebtu kienet turi li ried ifixkel lill-uffiċjal esekutur milli jwettaq dmiru fil-ħin u baqa' jippersisti b'din l-imġiba għal żmien twil. Jirriżulta saħansitra li meta għamel ta' birruħu li kien qagħad għall-ordni tal-marixxall, kien fl-istess waqt qiegħed juri disprezz akbar u lill-marixxall jipprova jitimgħu r-ross bil-labra. Minn eżami taż-żewġ dokumenti li l-marixxall iddikjara li l-imħarrek kien għaddielu (suppost) dwar il-bastiment maqbud, joħroġ ċar li l-imħarrek għaddielu żewġ dokumenti bla fejda għall-finijiet tal-istess Mandat. Wieħed jirreferi għal *Bill of Sale* ta' bastiment ieħor li kien seħħ erba' (4) snin qabel; l-ieħor kien biss *ship station licence* dwar il-bastiment maqbud li kienet għalqet tliet ġimgħat qabel. Minn dan kollu, l-Qorti ssib li l-imħarrek ipprova jinqeda bin-nuqqas ta' għarfien min-naħa tal-marixxall Azzopardi biex telaqlu f'idejh dokumenti li ma jiswew xejn għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-Mandat. Fuq kollox, minn dan kollu l-Qorti tara wkoll element ta' intenzjoni pożittiva fl-imħarrek li jwaqqa' l-ordni ta' qorti u d-dinjita' li jixraqlu kull uffiċjal tagħha;

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi u bit-tħaddim tal-prinċipji hawn fuq imfissrin, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imġiba tal-imħarrek tammonta għal waħda ta' disprezz u t-talbiet tal-attur jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib lill-imħarrek ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha għall-finijiet tal-artikoli 995 u 997(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas multa ta' ħames mitt euro (€ 500), fi żmien erbat

[15] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)

(4) ijiem tax-xogħol mil-lum, konvertibbli f'detenzjoni kif jipprovdi l-artikolu 1002; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------